MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2011

Rikors Numru. 910/2005

**Wallace Fino u b'digriet tal-25 ta' 2008 Dr. John Cremona gie appuntat bhala kuratur deputat biex jirrapprezenta lil assenti Wallace Fino.**

**vs.**

**Kummissarju tat-Taxxa Interni.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors attrici datata 16 ta' Awissu 2005 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fejn gie premess:-

Illi permezz ta' ittra ufficjali datata 1 ta' Awissu 2005 (kopja annessa u mmarkata Dok. "WF1") notifikata lir-rikorrent fil-5 ta' Awissu 2005, jidher li sallum il-kumpanija Price Club

Operators Ltd., li taghha l-esponent huwa wiehed mid-diretturi, ghandha taghti l-bilanc ta' LM252,173 rapprezentanti stimi ta' taxxa u ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurta socjali, multi amministrattivi u interessi; u konsegwentement, bis-sahha tas-**subartiklu 7 ta' l-artiklu 23 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa** interpella lill-esponent sabiex ihallas dan il-bilanc imsemmi mill-aktar fis possibbli.

Illi l-esponent qatt ma gie kkonsultat jew innotifikat bil-pretensjonijiet dedotti mill-intimat Kummissarju kontra l-kumpannija Price Club Operators Ltd. U filfatt huwa sar jaf bl-istimi mahruga kontra l-istess socjeta biss wara li rcieva l-ittra msemmija tal-1 ta' Awissu 2005.

Ili *ai termini* ta' l-**art. 23 sub-inciz 7 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa** l-uniku rimedju tal-esponenti sabiex jikkontesta l-proceduri gudizzjarji li ttiehdu kontrih huwa li jirreferi l-vertenza ghas-savju gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti. L-aggravji tieghu huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi invista tal-possibilita li l-esponent jinzamm personalment responsabbli fil-kwalita tieghu ta' direttur tas-socjeta Priceclub Operators Limited ghall-ammonti dovuti mill-istess socjeta lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, huwa kellu jinghata l-opportunita’ li jinstema u li jikkontesta kwalunkwe proceduri li ttiehdu qabel ma ntbaghtet l-ittra ufficjali msemmija tal-1 ta' Awissu 2005 li minnha qieghed isir l-appell odjern. Fil-fatt, l-esponent isostni illi huwa kien ikun f’posizzjoni li jressaq provi u argumenti validi kontra l-pretensjonijiet dedotti mill-intimat Kummissarju, kieku inghata tali opportunita. Dan huwa dritt li johrog mill-principji ta' gustizzja naturali kif ukoll mid-dritt ghal smigh xieraq illi l-esponent igawdi sija ai termini tal-**Kostituzzjoni ta' Malta** u sija ai termini tal-**Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta)**

Illi fit-tieni lok, indipendentement minn kull dritt ta' smigh fil-proceduri precedenti li ttiehdu kontra s-socjeta Priceclub Operators Limited, **is-subartikolu (2) ta' l-**

**artikolu 7 ta' Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxi** jipprovdi li ufficjal *ai termini* tal-istess artikolu jkollu responsabbilta' solidali mal-entita' legali li qieghed jirrapprezenta ghat-taxxa dovuta minn dik l-entita' biss sakemm jigi ppruvat li l-ufficjal in kwisjtoni kellu fil-pussess jew fil-kontroll tieghu xi assi li kienu proprjeta` tal-entita` legali in kwistjoni u li setghu jintuzaw biex tithallas it-taxxa dovuta. Illi l-esponent qatt ma kellu fil-kontroll jew fil-pussess tieghu tali assi jew proprjeta *stante* li kien biss direttur inkarigat esklussivament mill-*purchasing* kif jista' jigi ppruvat ampjament waqt it-trattazzjoni tal-proceduri odjerni.
Ghaldaqstant, fil-mertu, l-pretensjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni in kwantu diretti kontra l-esponenti fil-kwalita tieghu personali huma nfondati fii-fatt u fid-dritt stante li ma jissustux il-fatturi elenkati mis-subarfikolu citat sabiex tigi stabbilita r-responsabbilta personali tal-esponenti;

Illi l-esponenti m'huwiex f'qaghda li jivverifika jekk l-ammonti in kwistjoni humiex tassew dovuti o meno peress li kif huwa maghruf ben tajjeb il-kumpanija Price Club Operators Ltd qeghda attwalment ghaddejja minn proceduri ta' stralc u ghaldaqstant, l-esponenti m'ghandux access ghall kwalunkwe informazzjoni relatata ma' l-operat u tmexxija tal-kumpannija msemmija liema informazzjoni qedghda *ex lege* f'idejn l-istralcjarju tas-socjeta in kwistjoni Dr. Andrew Borg Cardona.

Illi l-kumpanija Price Club Operators Ltd hi nsolventi u ghaldaqstant, ma jidhirx li tista` thallas l-ammont mitlub mill-intimat.

Illi, *inoltre*, l-process ta' stralc ghadu pendenti b'proceduri gudizzjarji li ghadhom pendenti l-Qorti u, ghalhekk, jista` jkun il-kaz li ma jkunx opportun li, f'dan l-istadju, jittiehdu proceduri ezekuttivi minn kreditur partikolari stante li dan ikun ta' pregudizzju ghall-korp ta' kredituri in generali u jwassal ghal stat ta' fatt fejn kreditur partikolari jista' jigi preferut fuq il-kredituri l-ohra bi pregudizzju sfaccat ghalihom.

Illi jkun ferm utli li l-intimat jindirizza l-pretensjonijiet tieghu wkoll fil-konfront ta' l-istralcjarju tas-socjeta' Price Club Operators Limited, l-imsemmi Dr. Andrew Borg Cardona, ghar-ragunijiet premessi kif ukoll stante l-fatt li mid-data ta' meta l-kumpannija giet stralcjata jirrizulta li *ex lege* l-esponenti kif ukoll id-diretturi l-ohra tal-kumpanija tilfu l-poteri taghhom *qua* diretturi inkluz il-poteri ta' rappresentanza tas-socjeta', liema poteri ghaddew f'idejn l-istralcjarju msemmi li, bhala rizultat ta' dan, kellu , fost l-obbligi tieghu, id-dmir ewlieni li jaghmel l-atti kollha amministrattivi necessarji fic-cirkostanzi, inkluz mal-intimat, sabiex mid-data ta' l-istralc 'l quddiem jimminimizza kemm jista' jkun id-dejn tal-kumpanija fl-interess suprem tal-korp tal-krediturl.

Illi, ulterjorment, fil-mertu, il-pretensjonijiet tal-intimat huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont minnu pretiz huwa *ex admissis* bbazat u kkalkolat fuq stima fantasjuza u ezagerata.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti, filwaqt li jaghmel referenza ghall-provi producibbli skont il-Ligi f'dan l-istadju ta' l-appell, umilmentj itlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka, tannulla u thallas l-interpellazzjoni maghmula mill-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni de minimis fil-konfront ta' l-esponenti *proprio* u dana ghar-ragunijiet fuq esposti, bl-ispejjez kontra l-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tas- 7 ta' Frar 2006.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 13 ta' Ottubru 2005 a fol. 10 tal-process fejn gie eccepit:-

(1) Illi preliminarjament dan ir-rikors qed isir tardivament stante illi kemm *ai termini* tal-**Kap.318** kif ukoll tal-**Kap.372** l-istess rikors ma giex ipprezentat fiz-zmien indikat mil-ligi, u cioe' hmistax il-gurnata fir-rigward ta' l-**artikolu 23 (7) tal-Kap.372** u ghaxart ijiem fir-rigward ta' l-**artikolu 116 tal-Kap.318.**

(2) Illi rigward it-tieni paragrafu tar-rikors odjern, irid jigi rilevat illi l-avviz ta' talba ghall-hlas intbaghat lir-rikorrent QABEL l-ittra ufficjali ta' l-1 ta' Awissu 2005 u cioe' fis-7 ta' Lulju 2005, u ghandha tigi meqjuza bhala li waslet ghandu tlett ijiem wara tali data. Dan stante illi *ai termini* ta' l-**Artikolu 29 tal-Kap.372:-**

*"Avviz jista' jkun notifikat lil persuna sew personalment jew billi jintbaghat bil-posta fi-indirizz taghha l-ahhar maghruf tan-negozju jew privat, u ghandu, fl-ahhar kaz, hlief jekk jigi ppruvat il-kuntrarju, jitqies li kien gie notifikat, fil-kaz ta' persuni residenti f'Malta, mhux aktar tard mit-tielet jum wara l-jum ta' l-impustar... u fil-prova ta' dik in-notifika jkun bizzejjed li wiehed jipprova illi l-ittra li kien fiha l-avviz kienet giet indirizzata u mpustata kif jixraq."*

(3) Illi rigward it-tielet paragrafu, ghandu jinghad li:-

(1) Illi r-rikorrent kellu kull opportunita' li jikkontesta t-talba ta' l-esponent wara li rcieva l-Avviz ta' Nuqqas ta' Tharis li ukoll ghandu jitqies bhala li gie notifikat lir-rikorrenti fi zmien tlett ijiem minn meta intbaghat lilu. Ghaldaqstant, m'huwiex minnu li r-rikorrenti gie mcahhad minn xi dritt jew drittijiet fundamentali tieghu, u fi kwalunkwe kaz dan mhux il-forum adatt skont il-ligi fejn jistghu jitqajmu lanjanzi ta' din ix-xorta.

(2) Illi ghalkemm ir-rikorrenti kien biss *(sic)* inkarigat mill-*purchasing,* dan ma jfissirx li ma setax ikollu taht l-amministrazzjoni tieghu flus tal-kumpanija li minnhom seta' jhallas. Anzi, huwa ferm probabbli in vista tar-rwol dikjarat minnu stess li huwa fil-fatt kien f'tali pozizzjoni.

(3) Illi l-esponent jista' jwettaq il-verifiki necessarji dwar l-ammont mitlub billi jharrek lill-istralcjarju tal-kumpanija.

(4) Illi anke jekk il-kumpannija Price Club Operators Ltd hija insolventi, hija xorta jista jkun fadlilha assi li minnhom tista' thallas il-kreditu li jezisti favur l-esponent.

(5) Illi l-fatt li hemm proceduri ta' stralc pendenti kontra s-socjeta in kwistjoni ma jfissirx li din ma tistax tinstab

hatja minn Qorti ohra illi ma hallsitx it-taxxa; jekk tinghata sentenza favorevoli ghalih, l-esponent imbaghad ikun jista' jirregola ruhu ulterjorment rigward il-gbir tal-kreditu dovut minghand l-istess socjeta' fid-dawl tal-proceduri l-ohrajn li tinsab ghaddejja minnhom. Apparti minn dan, fi kwalunkwe kaz il-proceduri msemmija mir-rikorrent m'ghandhom ebda impatt fuq ir-responsabblita' personali li jista' jkollhom id-diretturi tas-socjeta' imsemmija ghat-taxxa mhix imhallsa.

(6) Illi inoltre, l-ammonti mitluba in kwantu jirrelataw ghal zmien meta ma jikkoncernawx biss lill-istralcjarju izda anke d-diretturi li kellha l-kumpannija Price Club Operators Limited, anki jekk l-istralcjarju ukoll ghandu u ser jigi mharrek fi proceduri appositi.

(7) Illi l-esponent jirritjeni li li l-istima li ghamel ma ghandha ebda element fantazjuz jew esagerat, u l-unika esagerazzjoni involuta tirriskontra ruhha fit-traskuragni jew negligenza esagerata tad-diretturi ta' Price Club Operators Limited li naqsu milli jibaghtu d-dikjarazzjonijlet tat-taxxa lill-esponent kif kienu tenuti li jaghmlu skont il-ligi.

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrifjuta u tirrespingi r-rikors odjern bl-ispejjez kontra r-rikorrent Wallace Fino.

Rat li b'digriet tal-25 ta' Frar 2008 gie appuntat bhala kuratur deputat Dr John Cremona biex jirrapprezenta lill-assenti Wallace Fino.

Rat li permezz ta' digriet tad-19 ta' Settembru 2006 Dr Anna Mallia giet nominata bhala Perit Legali f'din il-kawza.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr Anna Mallia esibit a fol 204 *et sequitur* tal-process.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din il-procedura saret mir-rikorrenti fil-kwalita' personali sabiex jattakka l-ittra ufficjali datata l-1 ta' Awissu 2005 intiza sabiex tirrendi bhala titolu esekuttiv l-allegat kreditu hemm indikat fil-konfront tieghu. Jinghad fir-rikors li l-procedura odjerna qeghda titressaq taht l-**artikolu 23 (7) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi allura permezz ta' dan ir-rikors ir-rikorrenti qed jitlob li fil-konfront tieghu din il-Qorti tirrevoka u tannulla titolu esekuttiv li l-intimat il-Kummissarju tat-Taxxi Interni (KTI) qed jipprova jrendi esegwibbli permezz tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Awissu 2005.

Illi rrizulta li l-ittra ufficjali tal-1 ta' Awissu 2005 intbaghtet lir-rikorrenti Wallace Fino kemm personalment kif ukoll bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Price Club Operators Limited.

Illi jirrizulta wkoll mill-provi mressqa f'din il-procedura li s-socjeta' Price Club Operators Limited giet xolta b'effett mill-1 ta' Novembru 2001, u dan huwa kkonfermat mix-xhieda tal-istralcjarju datata 2 ta' April 2007 kif ukoll minn dik ta' Claudette Fenech in rappresentanza tar-Registru tal-MFSA datata 28 ta' Jannar 2008.

Illi jirrizulta ghalhekk li dakinhar li giet prezentata l-ittra ufficjali f'1 ta' Awissu 2005 ir-rikorrenti ma kienx direttur u ma kellux ir-rapprezentanza tas-socjeta' Price Club Operators Limited.

Illi izda qabel xejn din il-Qorti trid tikkonsidra l-ewwel eccezzjoni mressqa mill-intimat il-Kummissarju tat-Taxxi Interni (KTI) fis-sens li dan ir-rikors sar *fuori termine.* Il-

Kummissarju intimat invoka l-**artikolu 23 (7) tal-Kap 372 (Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa)** li jghid li r-rikorrent ghandu hmistax-il gurnata biss minn mindu ircieva l-ittra ufficjali sabiex jintavola appell rigward hlas ta' taxxa. Fir-rigward hlas ta' bolla r-rikorrent ghandu ghaxart ijiem sabiex jintavola appell u dan skont l-**artikolu 116 tal-Kap 318 (Att dwar is-Sigurtà Soċjali).**

Illi dwar l-**artikolu 23 (7) tal-Kap. 372** jinghad li dan jirreferi ghall terminu ta’ hmistax il-gurnata mid-data tan-notifka tal-avviz hemm indikat fl-istess Att sabiex persuna hekk notifikata tappella mill-istess permezz ta’ proceduri l-Qorti. Tenut kont tal-fatt li tali avviz intbaghat lir-rikorrenti fis-7 ta’ Lulju 2005 (fol. 5) u r-rikors odjern sar fis-16 ta’ Awissu 2005, mela allura jirrizulta li l-procedura odjerna ma tistax issa tikkontesta l-ittra ufficjali datata 1 ta’ Awissu 2005, ghaliex tali avviz datat 7 ta’ Lulju 2005, bin-nuqqas tar-rikorrenti li jikkontestah fit-terminu preskritt sar titolu esekuttiv skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 40 (b) ta-Kap. 372,** u l-ittra ufficjali saret biss skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 256 (2) tal-Kap. 12** ghall-esekuzzjoni ta’ l-imsemmi titolu esekuttiv, liema esekuzzjoni ma tistax issir hlief ghall-anqas wara jumejn min notifika ta’ sejha ta’ hlas maghmula b’att gudizzjarju. Mela allura skont dawn id-disposizzjoni r-rikorrenti issa ma jistax b’din il-procedura jostakola it-talba ghall hlas tat-taxxa mitluba bl-istess ittra ufficjali u dan ghaliex dan setgha jaghmlu biss fit-terminu indikat fl-**artikolu 23 (7)** ikkalkulat min-notifika tal-istess avviz. F’dan ir-rigward jinghad li ghall-avviz datat 7 ta’ Lulju 2005 (Riferenza PE 722762) kien irrisponda biss Dr. Andrew Borg Cardona bhala likwidatur tas-socjeta’ PCOL permezz ta’ ittra datata 13 ta’ Lulju 2005 (Dok. “LM3”) fejn ma jidhirx li bhala tali huwa kkontesta tali avviz lanqas fil-kapacita’ tieghu u dan ghaliex huwa sostna li d-diretturi ma kienux tawh ebda *“statement of affairs as at the date of liquidation of the company”* u allura *“I am unable to be of any asisstance to you on this matter. You may wish to refer to the said directors, who as you know are Mr. Christopher Gauci, Mr. Wallace Fino and Mr. Victor Zammit”.* Ma jidhirx li saret xi forma ta’ risposta da parte tal-istess socjeta’ wara l-ittra ufficjali datata l-1 ta’ Awissu 2005. Fl-ahharnett

jinghad li ghall grazzja tal-argument jinghad ukoll li jidher li sabiex tigi attakata din l-ittra ufficjali dan huwa koncepibbli li jsir biss permezz ta' kawza u allura permezz ta' rikors guramentat u mhux permezz ta' semplici rikors. Ghalhekk din il-parti tal-ewwel eccezzjoni tal-intimat qed tigi milqugha.

Illi ghall dak li jirrigwarda minn naha l-ohra l-**artikolu 116 (2) tal-Kap 318** din l-procedura tirrizulta li hija preskritta ghaliex dan ir-rikors kellhu jsir fi zmien ghaxart ijiem ndikati fl-istes artikolu u imposti mill-ligi ghaddew sakemm r-rikorrenti beda dawn il-proceduri peress li l-ittra ufficjali giet notifikata lir-rikorreni fil-5 ta' Awissu 2005 (riferta a tergo ta' fol. 41 – Dok. "LM2) u r-rikors sar fit-18 ta' Awissu 2005, mela allura fil-konfront tal-hlasijiet mitluba tas-sigurta' socjali dan ir-rikors huwa wkoll *fuori termine.* Ghalhekk jidher li fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoni u l-ewwel eccezzjoni mressqa mill-intimat it-talba tar-rikorrenti ma tistax tigi milqugha ghaliex tali talba ma saritx fit-terminu rikjest mill-ligi.

Illi bla pregudizzju ghall dak hawn premess u biss ghall grazzja tal-argument jinghad li jekk jigi investigat il-meritu jli peress li jirrizulta li s-socjeta' Price Club Operators Limited (PCOL) marret fi stat ta' stralc fl-1 ta' Novembru 2001 il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma kellhux fil-veritta' jitlob hlasijiet tat-taxxa minghand ir-rikorrenti personalment wara l-istess data u dan ghaliex mill-istess data ir-rikorrenti ma kienx baqa' direttur tal-istess socjeta' u dan anke fil-kuntest ta' dak li gie deciz fil-kawza l-ismijiet **"Sylvana Xuereb et vs Kummissarju tat-Taxxi Interni"** (A.C. – 31 ta' Ottubru 2008), fejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell sostniet li:-

*"Fid-dawl u bis-sahha tal-"principle of constructive notice" (ara **"Farrar & Hannigan, Farrar's Company Law"**, 4 ediz. pagni.86-87), terza persuna li tidhol f'relazzjoni guridika ma' kumpannija kummercjali hija meqjusa li taf x'jghidu d-dokumenti pubblici ta' dik il-kumpannija. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Allcare Insurance Agency Ltd. v. Randon", deciza fis-6 ta' Lulju, 2007, "Ma hemmx dubbju wkoll li kwantu ghall-kwistjoni tar-rapprezentanza*

*gudizzjarja tas-socjeta` attrici u tal-pozizzjoni li kien jokkupa George Said meta dan halef id-dikjarazzjoni guramentata u meta pprezentat c-citazzjoni, il-pozizzjoni kienet, jew setghet facilment tkun, maghrufa mill-konvenut appellant peress li dawn kienu affarijiet li johorgu car minn dokumenti – il-Memorandum and Articles of Association – li kienu ghalih accessibbli. Jekk l-appellant naqas milli jaghmel il-verifiki tieghu qabel ma pprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu, imputet sibi. Certament, ghalhekk, ma jistax jinghad li wara d-depozizzjonijiet ta' l-udjenza tal-11 ta' April 2006, huwa "skopra" xi haga dwar ir-rapprezentanza gudizzjarja tas-socjeta` attrici u dwar il-kariga ta' George Said li ma setax ikun jaf biha gia` f'Awwissu 1998 jew qabel ma pprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet fit-12 ta' Novembru 1998."*

Illi dan il-principju (kieku ma ntlaqatx l-ewwel eccezzjoni tal-intimat) kien japplika ghall-intimat f'din il-procedura fis-sens li la darba l-istralc ta' l-istess socjeta' huwa wiehed pubbliku u accessibbli ghall-intimat sa minn Novembru 2001, u allura ferm qabel ma ipprezenta l-ittra ufficjali in kwistjoni, ghaliex meta giet prezentata l-ittra ufficjali in kwistjoni r-rikorrenti certament ma kienx direttur tas-socjeta' Price Club Operators Limited (PCOL) u lanqas kellu r-rapprezentanza taghha u dan setgha facilment jigi konstata mill-intimat odjern. Izda kif inghad dan l-aggravju ma' jistax jigi milqugh ghaliex ir-rikors odjern sar tardivament u l-Qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-intimat.

Illi dwar il-gravam ta' nuqqas ta' smigh xieraq mir-rikorrenti jerga jinghad li jirrizulta li kien intbaghat avviz lir-rikorrenti fis-7 ta' Lulju 2005 (Dok. "LM1" a fol 40 tal-process) mill-Kummissarju tat-Taxxa Interni sabiex ir-rikorrenti jhallas l-ammonti hemm indikati bhala taxxa u sigurta' socjali. Illi jirrizulta ghalhekk li r-rikorrenti setgha jipprocedi sabiex jikkontesta l-avviz imsemmi skont l-**artikolu 23 (7) tal-Kap. 372.** B'hekk jirrizulta li r-rikorrent ma segwiex il-procedura specjali stabbilita mill-**Kap 372** u ghalhekk ma jistax jinghad li huma ma naghtax smigh xieraq u konsegwentement dan l-aggravju fl-istat li qeghda l-ligi ma jistax jigi akkolt.

Illi r-rikorrenti lmenta wkoll li ladarba huwa ma kellux fil-pussess jew fil-kontroll tieghu xi assi li kienu proprjeta' tas-socjeta' Price Club Operators Limited (PCOL) li setghu jintuzaw sabiex tithallas it-taxxa dovuta mela allura l-procedura tal-intimat ma tistax tirnexxi fil-konfront tieghu.

Illi dwar dan terga ssir riferenza ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Sylvana Xuereb et vs Kummissarju tat-Taxxi Interni"** (31 ta' Ottubru 2008) fejn inghad li r-responsabbilta' personali tad-diretturi hija responsabbilta' li titwieled mal-hatra u huwa rrilevanti jekk tali direttur kienx izomm flus jew tal-kumpanija jew kellux jew le r-rapprezentanza tal-istess tant li testwalment saret riferenza ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti li rriteniet li:-

*"L-attrici qed tirritjeni li hija qatt ma kellha r-rapprezentanza legali tas-socjeta attrici. Il-Qorti pero' tirrileva li l-attrici bhala wahda mid-diretturi kienet responsabbli, anke personalment jekk ikun il-kaz u dan* skont *il-ligi, ghal-hlas ta' kull taxxa li setghet tigi dovuta mill-kumpanija. Kwantu ghas-sottomissjoni tai-attrici li hija qatt ma zammet flus tal-kumpanija attrici f'idejha dan il-fatt cioe' li ma kienetx fzikament izzomm flus tai-kumpanija fil-pussess taghha, huwa rrilevanti billi, bhala direttur, hija kienet responsabbli ghal-hlas tat-taxxa tai-kumpanija, ikunu fejn ikunu l-flus."*

Illi barra minn dan mill-provi jirrizulta li mhux minnu li r-rikorrenti ma kellux fil-pussess jew fil-kontroll tieghu xi assi li kienu proprjeta' tas-socjeta' Price Club Operators Limited. Audrey Ghigo in rapprezentanza tal-HSBC Bank (Malta) p.l.c. (seduta 25 ta' Settembru 2008) xehdet li mit-22 ta' April 1998 sas-6 ta' Gunju 2000 il-firmatarji tal-kumpanija kienu Chris Gauci, Wallace Fino, Victor Zammit u Ivan Fsadni (li tnejn minnhom setghu jiffirmaw) u mis-6 ta' Gunju 2000 kien tnehha Ivan Fsadni u baqa' bhala firmatarji Victor Zammit, Chris Gauci, Wallace Fino, u zdiedu David Demarco u Mark Anthony Zammit (ukoll "any two to sign").

Illi jirrizulta wkoll li mill-*public file* tal-Price Club Operators Limited (Dok. “CF1”) ipprezentat mir-Registratur tas-Socjetajiet, (seduta 28 ta’ Jannar 2008), kif ukoll mir-rapport ipprezentat minn l-istralcjarju Dok. “ABBC” (seduta 2 ta’ April 2007) ir-rikorrenti jirrizulta li kellu pussess u wkoll kontroll fuq l-istess socjeta’ tant li jidher li deher mad-direttur l-iehor Chris Gauci bhala diretturi u ghan-nom tal-istess socjeta’ sabiex ottjenew self ta' aktar minn LM400,000 biex jithallsu kredituri tas-socjeta taghhom Day u Day liema operazzjonijiet jirreferu ghall-perjodu qabel il-formazzjoni tal-Price Club Group. Ghalhekk dan il-gravam tar-rikorrenti ma jistax jigi milqugh.

Illi t-tielet aggravju mressaq mir-rikorrenti huwa li la darba l-kumpanija qeghda ghaddejja minn proceduri ta' stralc tali procedura ma tistax f’dan l-istadju tissussisti kontra tieghu ghaliex huwa ma huwiex f'qaghda li jivverifika l-ammonti u huwa l-istralcjarju biss li jista’ jaghmel dan.

Illi dwar l-istess jinghad li ghalkemm huwa minnu li r-rikorrenti spicca minn direttur tal-kumpannija f’Novembru 2001 u l-istralc tal-kumpanija beda minn Novembru 2001 izda kif osserva l-Kummissarju tat-Taxxi Interni xejn ma kien qed izomm lir-rikorrenti milli jingungi lill-istralcjarju sabiex iwettaq il-verifiki necessarji tieghu dwar l-ammont mitlub, izda hawn ir-rikorrenti. minflok, baqa’ inattiv ukoll fil-kors ta’ dawn il-proceduri. Ma’ dan tizdied l-osservazzjoni li ghamlet il-Perit Legali fejn jirrizulta li meta l-KTI ipprezenta l-lista tal-haddiema fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2008 u l-prospett tal-ammonti dovuti fis-seduta tal-4 ta' Settembru 2007, ir-rikorrenti ma talab xejn minghand l-istralcjarju l-ebda informazzjoni hlief dwar l-assi li dan sab meta ha l-inkarigu, u ghalhekk anke fir-rigward ta’ dak indikat dwar l-ittra ufficjali mertu ta’ dawn il-proceduri, r-rikorrenti ma ghamel l-ebda tentattiv sabiex jottjeni anke f’dawn il-proceduri odjerni quddiem din il-Qorti xi forma ta’ verifika relattiva. Ghalhekk dan l-aggravju huwa wkoll bla bazi.

Illi r-raba’ aggravju huwa li l-kumpanija hija nsolventi u ma jidhirx li tista thallas l-ammont mitlub izda t-talba hawn qed issir kontra r-rikorrenti proprju ghaliex fil-Ligi huwa

ritenut solidalment responsabbli ghall-hlas tal-imsemmija taxxa u allura f'dan il-kuntest din l-oggezzjoni tar-rikorrenti qed tigi michuda. Apparti dan u biss kwantu dan huwa rilevanti ghall pendenza odjerna ghalkemm is-socjeta' hija insolventi hija xorta jista' jkun fadlilha assi Ii minnhom tista' thallas il-kreditu li jezisti favur l-intimat, proprju kif eccepixxa l-intimat odjern. Ghalhekk dan il-gravam qed jigi michud.

Illi l-hames aggravju tar-rikorrenti huwa fis-sens li tali azzjoni ma tistax tittiehed kontra r-rikorrenti la darba l-proceduri ta' stralc tas-socjeta' Price Club Operators Limited (PCOL) ghadhom pendenti, u f'dan il-kuntest gie propost li mhux opportun Ii jittiehdu proceduri ezekuttivi mill-KTI *qua* kreditur stante Ii dan ikun ta' pregudizzju ghal-korp ta' kredituri in generali u jwassal ghal stat ta' fatt fejn kreditur partikolari jista jigi preferut fuq il-kredituri l-ohra bi pregudizzju ghalihom.

Illi f'dan il-kuntest il-Kummissarju intimat jghid Ii l-fatt Ii hemm proceduri ta' stralc pendenti kontra s-socjeta in kwistjoni ma jfissirx li din ma tistax tinstab hatja minn Qorti ohra illi ma hallsitx it-taxxa; jekk tinghata sentenza favorevoli ghalih, l-intimat jghid li imbaghad ikun jista' jirregola ruhu ulterjorment rigward il-gbir tal-kreditu dovut minghand l-istess socjeta' fid-dawl tal-proceduri l-ohrajn Ii tinsab ghaddejja minnhom. Apparti minn dan, fi kwalunkwe kaz il-proceduri msemmija mir-rikorrent m'ghandhom ebda impatt fuq ir-responsabbilta' personali Ii jista' jkollhom id-diretturi tas-socjeta' msemmija ghat--taxxa mhux imhallsa.

Illi dwar dan il-Perit Legali tosserva li l-**artikolu 6 (3) tal-Kap. 372** jipprotegi lill-Kummissarju intimat fis-sens Ii jordna lil-likwidatur ta' kumpanija Ii tkun qed tigi likwidata Ii ma jqassamx xi attiv tal-kumpanija lill-azzjonisti taghha qabel ma jhallas it-taxxa kollha dovuta Ii huwa jkun jaf biha jew Ii jista' ragonevolment jistenna li ghandha tithallas mill-kumpanija that l-Atti dwar it-Taxxi. *In oltre*, tosserva Ii fil-kaz *de quo* il-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz tal-procedura specjali li taghtih il-ligi, ottjena titolu ezekuttiv waqt Ii ghadha miexja l-likwidazzjoni

filwaqt li r-rikorrenti jikkontendi li mhux opportun li jittiehdu proceduri ezekuttivi f’dan l-istadju qabel ma l-istalcjarju jistabbilixxi definittivament il-qaghda finanzjarja tal-kumpanija.

Illi huwa veru l-likwidatur *"t-talba ta' kreditur ghall-kundanna tal-likwidatur biex ihallas dejn dovut mis-socjeta lil dak il-kreditur, waqt li tkun miexja l-likwidazzjoni, hija intempestiva"* **(Vol. XXXVIII p.III p. 8l8)** u ghalhekk is-somma dovuta ghandha tiddahhal fl-istralc, izda ma ghandhiex tigi mhallsa ghalissa mis-socjeta’ u dan in kwantu ma jidhirx illi l-likwidazzjoni tas-socjeta giet kompjuta u/jew li l-istralcjarju pprezenta l-kont finali. (**“Salvatore Bondin vs Paul Vella noe”** K (JDC) 10 ta’ Mejju 1993) fejn il-Qorti rriteniet intempestiva t-talba tar-rikorrenti sabiex l-istralcarju jigi kkundannat ihallsu l-ammont pretiz. Izda f’dan il-kuntest jinghad li l-procedura odjerna hija mressqa u kontestata mir-rikorrenti personalment u ghalhekk it-talba f’dan ir-rigward tar-rikorrenti ma tistax tigi milqugha anke ghaliex il-Qorti qed tilqa’ l-eccezzjoni tal-intimat kif indikata f’paragrafu (v) tar-risposta tieghu fil-konfront tar-rikorrenti personalment, ghaliex huwa r-rikorrenti personalment li *se mai* kien qed jittenta jattakka l-imsemmija ittra ufficjali u mhux is-socjeta’, tant li ma jirrizultax li l-istralcarju huwa b’xi mod involut f’din il-procedura. Fi kliem iehor dan ir-rikors sar biss mir-rikorrenti personalment u huwa fil-konfront tieghu li din il-Qorti tista’ u ghandha tiddeciedi (u dan dejjem salv dak li inghad minn din il-Qorti f’din id-decizjoni fejn giet milqugha l-ewwel eccezzjoni tal-Kummissarju intimat). Ghalhekk fil-kuntest ta’ dan kollu l-osservazzjonijiet tal-Perit Legali jistghu jkollhom effett fir-rigward tas-socjeta’ izda mhux tar-rikorrenti personament. Ghalhekk dan il-gravam qed jigi michud.

Illi s-sitt aggravju huwa li meta beda l-istralc, il-poteri tad-diretturi ghaddew ghand l-istralcjarju u huwa responsabbli l-istralcjarju li kellu jaghmel l-atti amministrattivi necessarji inkluz mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Il-Kummissarju dwar dan jikkontendi li l-ammonti mitluba jirrelataw ghal zmien li ma jikkoncernax biss lill-istralcjarju u li dan ser jigi mharrek fi proceduri appoziti.

Illi huwa minnu li meta giet intavolata l-ittra ufficjali l-kumpanija kienet diga fi stat ta' stralc u kienet diga` giet xolta u huwa minnu wkoll li dana l-Kummissarju seta` facilment jivverifikah mar-Registratur tas-Socjetajiet (kif giet konfermata fis-sentenza ta' **Sylvana Xuereb** hawn fuq citata). Izda hawnhekk parti mis-somma mitluba tirreferi ghal zmien meta r-rikorrenti kien direttur tal-istess socjeta' u r-rikorrenti mhux qed jikkontendi l-validita' tal-ittra ufficjali (hekk kif gara fil-kaz ta' Sylvana Xuereb) u ghalhekk ghalkemm huwa minnu dak li qed jissolleva r-rikorrenti f'dan l-aggravju, xorta jibqa' l-fatt li parti mill-ammonti dovuti huwa attribwibbli ghall-perjodu ta' meta huwa kien direttur u ghalhekk anke dan il-gravam qed jigi michud.

Illi s-seba` aggravju huwa li l-ammont huwa kalkolat fuq stima fantasjuza u ezagerata. Kif gja' gie spjegat, il-Qorti, kieku ma laqghetx l-ewwel eccezzjoni tal-intimat ma kinitx ser taghti kaz l-ammonti mitluba wara l-1 ta' Novembru 2001 anki in vista tal-att li ma jistax ikun li kien hemm haddiema li baqghu fl-impjieg wara li l-kumpanija giet xolta fl-1 ta' Novembru 2001. Ghalhekk kieku l-ammont dovut huwa sal-ahhar ta' Ottubru 2001 u mhux aktar. Izda galdarba r-rikors odjern sar tardivament lanqas dan il-gravam ma jista' jigi accettat.

Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti qed tigi michuda.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimat fis-sens li r-rikors tar-rikorrenti sar tardivament abbazi tal-**artikolu 23 (7) tal-Kap. 372** u tal-**artikolu 116 tal-Kap. 318, tichad it-talbiet tar-rikorrenti kontenuti fir-rikors tieghu datat 16 ta' Awissu 2005** ghaliex il-procedura tar-rikorrenti hija hekk perenta skont id-disposizzjonijiet tal-istess artikoli hawn citati u kif hawn deciz.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------